

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 352/2008

tat-18 ta' April 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 fir-rigward tal-livell li fih jiġi kattaw id-dazji addizzjonali fuq il-ħjar u ċ-ċiras, ħlief għaċ-ċiras qares

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas-26 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi regoli spċifici fir-rigward tas-settur tal-frott u l-ħxejjex li jemenda d-Direttivi 2001/112/KE u 2001/113/KE u r-Regolamenti (KEE) Nru 827/68, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2826/2000, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 318/2006 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2202/96⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 35(4) u l-Artikolu 42,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex⁽²⁾ jipprovdha għal sorveljanza ta' l-importazzjoni tal-prodotti elenkti fl-Anness XVII għalihi. Dik is-sorveljanza għandha titwettaq skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjoni jiet-għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doga-nali Komunitarju⁽³⁾.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' April 2008.

(2) Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agricoltura⁽⁴⁾ konkluż matul is-Serje ta' l-Urugwaj ta' negozjati multilaterali dwar il-kummerċ u fid-dawl ta' l-aħħar data disponibbli għall-2004, l-2005 u l-2006, il-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali tal-ħjar u taċ-ċiras, ħlief għaċ-ċiras qares għandhom jiġu aġġustati.

(3) B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri li provvuti b'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jinbidel bit-test muri fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membra tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

⁽⁴⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

ANNESS

“ANNESS XVII

DAZJI TA’ IMPORTAZZJONI ADDIZZJONALI: TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-nomenklatura mħallta, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li tkun indikattiva biss. L-ambitu tad-dazji addizzjonali għall-finijiet ta’ dan l-Anness huwa ddeterminat mill-iskop tal-kodiċi NM kif jeżistu fiż-żmien ta’ l-adozzjoni ta’ dan ir-Regolament.

| Nru tas-Serje | Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Perjodu ta’ l-iskattar | Livell ta’ l-iskattar (tunnellati) |
|---------------|--|---|--|------------------------------------|
| 78.0015 | 0702 00 00 | Tadam | mill-1 ta’ Ottubru sal-31 ta’ Mejju | 325 606 |
| 78.0020 | | | mill-1 ta’ Ġunju sat-30 ta’ Settembru | 25 103 |
| 78.0065 | 0707 00 05 | Ħjar | mill-1 ta’ Mejju sal-31 ta’ Ottubru | 70 873 |
| 78.0075 | | | mill-1 ta’ Novembru sat-30 ta’ April | 46 491 |
| 78.0085 | 0709 90 80 | Qaqoċċ | mill-1 ta’ Novembru sat-30 ta’ Ġunju | 19 799 |
| 78.0100 | 0709 90 70 | Żukkini | mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru | 117 360 |
| 78.0110 | 0805 10 20 | Larinġ | mill-1 ta’ Diċembru sal-31 ta’ Mejju | 454 253 |
| 78.0120 | 0805 20 10 | Klementin | mill-1 ta’ Novembru sa l-aħħar ta’ Frar | 606 155 |
| 78.0130 | 0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90 | Mandolin (inklużi t-tangerines u s-satsumas); wilkins u ibridi taċ-ċitru simili | mill-1 ta’ Novembru sa l-aħħar ta’ Frar | 104 626 |
| 78.0155 | 0805 50 10 | Lumi | mill-1 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru | 326 861 |
| 78.0160 | | | mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Mejju | 53 842 |
| 78.0170 | 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda | mill-21 ta’ Lulju sa l-20 ta’ Novembru | 70 731 |
| 78.0175 | 0808 10 80 | Tuffieħ | mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Awwissu | 886 383 |
| 78.0180 | | | mill-1 ta’ Settembru sal-31 ta’ Diċembru | 81 237 |
| 78.0220 | 0808 20 50 | Lanġas | mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ April | 241 637 |
| 78.0235 | | | mill -1 ta’ Lulju sal-31 ta’ Diċembru | 35 748 |
| 78.0250 | 0809 10 00 | Berquq | mill -1 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Lulju | 14 163 |
| 78.0265 | 0809 20 95 | Ċiras, ħlief għaċ-ċiras qares | mill-21 ta’ Mejju sa l-10 ta’ Awwissu | 151 059 |
| 78.0270 | 0809 30 | Ħawħ, inkluż nuċiprisk | mill-11 ta’ Ġunju sat-30 ta’ Settembru | 11 980 |
| 78.0280 | 0809 40 05 | Għanbaqar | mill-11 ta’ Ġunju sat-30 ta’ Settembru | 5 806" |